***- MANDAT TA' INIBIZZJONI –***

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tnejn 13 ta' Marzu 2017.**

**Rikors Numru: 244/2017/LSO**

**Polygon International Group Limited (C67297), u Chestertons Sliema Limited (C 76730)**

**vs**

**1. Christopher Pace (K.I. 543765M), u**

**2. Boutique Properties Limited (C54843)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Polygon International Group Limited (C67297) u Chestertons Sliema Limited (C76730) pprezentat fl-14 ta' Frar 2017 fejn bil-qima gie kkonfermat bil-gurament minn Rudolf Johannes Bronkhorst (Passaport tal-Afrika t'Isfel Nru. AO2140255), kif debitament awtorizzat, ghan-nom tas-socjetajiet rikorrenti:

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimati milli:

(i) Ikomplu, b'mod abbuziv u minghajr ebda awtorita', jaqtghu l-access tar-rikorrenti ghall-'email accounts' ta' Chestertons Gzira;

(ii) Ikomplu, b'mod abbuziv, jikkuntattjaw lill-haddiema, agenti u fornituri tas-servizzi tar-rikorrenti u ta' Chestertons Gzira Ltd (C76731), fejn dan il-kuntatt ikun intiz biex johloq hsara fin-negozju ta' Chestertons Gzira, u jhajjar lill-istess haddiema, agenti u fornituri tas-servizzi biex ma jkomplux joffru s-servizzi taghhom lir-rikorrenti u minflok joffruhom lill-intimati;

(iii) Ikomplu jemendaw is-sit elettroniku ta' Chestertons Gzira b'mod li jippregudika serjament l-interessi tar-rikorrenti;

(iv) Ikomplu jxerrdu qlajjiet u informazzjoni qarrieqa rigward ir-rikorrenti u l-azzjonisti tar-rikorrenti;

(v) Ikomplu, b'kull mod possibbli, jaghmlu hsara deliberata fin-negozju ta' Chestertons Gzira, u fis-sehem u l-interess tas-socjetajiet rikorrenti f' Chestertons Gzira.

Sfond Fattwali:

Illi permezz ta' skrittura privata datata 30 ta' Mejju 2016 ('Partnership Agreement' annessa bhala Dok A), is-socjeta' rikorrenti Polygon International Group Limited u s-socjeta' intimata qablu li jibdew joperaw, b'ishma indaqs, fergha ta' 'real estate agency' gewwa l-Gzira taht l-isem tal-franchise 'Chestertons', liema fergha kellha topera taht l-isem 'Chestertons Gzira'. Is-socjeta' rikorrenti Polygon International Group Limited kellha tmexxi l-operat ta' din il-fergha, filwaqt li s-socjeta' intimata kellha tassumi rwol passiv;

Illi ghal dan il-ghan giet mahluqa kumpanija bl-isem 'Chestertons Gzira Ltd', bin-numru ta' registrazzjoni C76731. L-azzjonijisti ta' Chestertons Gzira Ltd huma s-socjeta` rikorrenti Chestertons Sliema Ltd u s-socjeta' intimata Boutique Properties Ltd, f'ishma indaqs bejniethom;

Illi l-intimat Christopher Pace, li hu azzjonist u direttarju fis-socjeta' Boutique Properties Ltd, beda johloq problemi konsiderevoli li ppregudikaw serjament is-shubija tas-socjetajiet Polygon International Group Ltd u Boutique Properties Ltd, tant illi fis-26 ta' Jannar 2017, innotiflka lil Polygon International Group Ltd bl-intenzjoni ta' Boutique Properties Ltd li tittermina l-'Partnerhsip Agreement' (kopja tan-notifika permezz ta' 'email' annessa bhala Dok B).

Illi skont Klawsola 20 tal-istess ftehim, il-parti li tkun trid tittermina l-ftehim ghandha taghti preavviz ta' mill-inqas 90 jum, u ghaldaqstant is-shubija ta' bejn iz-zewg socjetajiet se tigi formalment xolta fis-26 ta' April 2017;

Illi wara n-notifika tat-terminazzjoni ta' Boutique Properties Ltd, l-intimat Christopher Pace ghamel diversi atti li bihom ippregudika serjament l-operat u l-interessi tar-rikorrenti f' Chestertons Gzira, inkluz li :

(i) ikkuntattja l-persuna nkarigata mis-sistema elettronika ta' Chestertons Gzira (certu Darren Muscat) u tah struzzjonijiet biex jaqta' l-access tal-azzjonisti tar-rikorrenti ghall-'Property Management Database' li hija essenzjali biex jigi operat in-negozju;

(ii) qata' l-access tar-rikorrenti ghall-'email accounts' ta' Chestertons Gzira;

(iii) ikkuntattja agent ta' Chestertons Gzira u tah informazzjoni zbaljata sabiex iheggu jieqaf joffri s-servizzi tieghu lil Chestertons Gzira u minflok jibda joffrihom lill-fergha li hi operata mill-intimat, kif ukoll heggeg lill-istess agent biex izomm 'laptop' meta kien jaf li l-istess 'laptop' kien propjeta' ta' Chestertons Gzira Ltd;

(iv) emenda s-sit elettroniku ta' Chestertons Gzira b'mod illi nehha d-dettalji ta' kuntatt tal-azzjonisti tar-rikorrenti minn taht il-'property listings' u halla biss l-indirizz elettroniku ta' fergha ohra operata mill-intimat, b'mod illi nehha totalment l-access tar-rikorrenti ghall-persuni interessati fil-proprjetajiet reklamati (peress li l-access tar-rikorrenti ghall-indirizz elettroniku ta' Chestertons Gzira gie rrevokat b'mod abbuziv) (*vide* Dok C);

(v) ikkuntatja b'mod frekwenti lill-azzjonisti tar-rikorrenti sabiex jevakwaw il-fond 182, Triq ix-Xatt, Gzira, meta kien ben konsapevoli li l-kirja tal-fond kienet giet assenjata lill-Chestertons Gzira, u kif ukoll prova johloq biza' fir-rikorrenti sabiex dawn jieqfu mill-operat ta' Chestertons Gzira (*vide* Dok D), u dan minkejja li ma ghandu ebda dritt u awtorita' biex jaghmel l-istess.

Illi minhabba l-urgenza u l-imminenza ta' dak li qed jintalab, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-mandat jigi akkolt provizorjament.

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-14 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghat-2 ta' Marzu 2017, u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-esponenti Christopher Pace (KI543765M) u Boutique Properties Limited (C46875) datata 17 ta' Frar 2017 a fol 32 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr John Gauci u Dr Ruth Ellul ghas-socjeta` rikorrenti rapprezentata fl-Awla minn Rudolph Bronkhorst. Deher Dr Mario De Marco ghall-intimati, Christopher Pace prezenti fl-Awla. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. L-intimat Chris Pace, f'ismu proprju u f'isem is-socjeta` intimata jikkonferma li hu m'ghandu l-ebda interess li jingagga xi wiehed mill-impjegati kurrenti tas-socjetajiet rikorrenti. Dr Gauci ghandu jipprezenta kopja tal-ittra li rcieva r-rikorrent mis-socjeta` estera u l-kontestazzjoni tieghu. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi b'dan il-mandat ir-rikorrenti qed jitolbu li l-intimati jigu inibiti milli jaghmlu jew ikomplu jaghmlu azzjonijiet hemm elenkati li jistghu jirrekaw hsara fil-gestjoni tan-negozju ta' *estate agent* fil-fergha ta' Chestertons Gzira regolat permezz ta' Ftehim ta' Shubija bejn is-socjeta' Polygon International Group Limited (PIGL) u Boutique Properties Limited (BPL).

Illi l-inimati oggezzjonaw ghat-talbiet billi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u fil-kuntest tal-mandat odjern, ma jissoddisfawx l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-hrug tal-mandat *de quo*. Essenzjalment l-argumenti sollevati jistghu jingabru taht is-segwenti kapijiet difensjonali:

1. Li r-rikorrenti m'ghandhiex jedd *prima facie* biex titlob il-hrug tal-mandat billi l-ftehim bejn il-kontendenti hija parti minn qafas ta' kuntratti li ikkonkludew bejniethom u mas-socjeta' estera li hija propretarja tat-Trade Mark *Chesterton,* cioe`, Chesterton Global Limited. L-intimati ssottomettew li s-socjeta' rikorrenti kissret il-kondizzjonijiet tal-Collaboration Agreement u anke it-Trade Mark Licence Agreement u konsegwentement BPL tat *notice of termination* kemm tal-Ftehim ta' Shubija, kif ukoll tal-Collaboration Agreement, filwaqt li Chesterton Global Limited ukoll baghtet notifika ta' terminazzjoni lis-socjeta' rikorrenti fl-14 ta' Frar 2017 (DOK E) . Ghaldaqstant jissottomettu li s-socjeta' Chesterton Global Limited temmet

it-Trade Mark Licence Agreement b'effett immedjat u s-socjeta' rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt topera aktar f'Malta taht il-marka Chesterton.

2. Li l-allegazzjonijiet huma inoltre infondati fil-fatt u fid-dritt billi cahhdu dak lilhom addebitat u, inoltre, billi ma ngabitx l-icken prova mqarr fuq bazi *prima facie* biex jigu sostanzjati l-allegazzjonijiet addebitati lill-istess intimati. Da parti taghhom l-intimati allegaw li s-socjeta` rikorrenti qed taghmel *rerouting* tan-negozju ghal fuq is-sit ta' socjeta' internazzjonali *Infinitas Property Investments* bi ksur tal-obbligazzjonijiet assunti taht il-Ftehim ta' Shubija.

**Fatti u Dokumenti**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Illi fit-30 ta' Mejju 2016 is-socjeta' Polygon International Group Limited (PIGL) u Boutique Properties Limited (BPL) iffirmaw Partnership Agreement (Dok A), fejn qablu li jibdew joperaw, b'ishma indaqs, fergha ta' 'real estate agency' gewwa l-Gzira taht l-isem tal-*franchise* 'Chesterton', liema fergha kellha topera taht l-isem 'Chestertons Gzira'. Is-socjeta' rikorrenti Polygon International Group Limited kellha tmexxi l-operat ta' din il-fergha, filwaqt li s-socjeta' intimata kellha tassumi rwol passiv.

Illi skont il-klawsola numru 20 "*Should any of the partners mentioned above decide to terminate this partnership, at least* ***90 running days*** *notice in writing must be given to the other partners to ensure that all shared*

*expenses/contributions have been paid in full and settled with the other partners or any third parties, and that the partner terminating this partnership has no right to claim any compensation or the right to retain any property listings."*

Fis-26 ta' Jannar 2017 BPL innotifika lill-PIGL bl-intenzjoni li jittermina l-ftehim ta' shubija u t-terminu ta' 90 gurnata jispicca fis-26 ta' April 2017.

Illi mill-provi jirrizultaw is-segwenti skritturi li huma relatati mal-ftehim esebiti mir-rikorrenti bhala DOK A u jifformaw il-qafas tar-relazzjonijiet kummercjali bejn ir-rikrorenti:

**Dok. B *Trade Mark License Agreement.***

Illi mhuwiex ikkontestat li s-socjeta BPL hija wkoll il-koncessjonarja ta' licenzja moghtija minn Chesterton Global Limited sabiex topera negozju ta' *real estate* taht it-Trade Mark *Chesterton* fit-territorju ta' Malta. Chesterton Global Limited hija l-proprjetarja ta' dan it-Trade Mark u l-Licensor.

Illi permezz ta' ftehim iehor datat it-30 ta' Mejju 2016 il-kumpannija Chesterton Global Limited iffirmat *Trade Mark License Agreement* mas-socjetajiet BPL u PIGL permezz ta' liema wara li gie premess li s-socjeta` BPL riedet taghti *Sub-Licence & Association Agreement* lis-socjeta` PIGL, is-socjeta' Chesterton Global Limited ikkoncediet lis-socjeta' rikorrenti PIGL "*for the duration of the Sub-License & Association Agreement a non-exclusibe licence*" biex

tuza il-marka Chesterton taht il-pattijiet u kondizzjonijet kontenuti fit-*Trade Mark License Agreement.*(**Dok.B).**

**Dok C - *Collaboration Agreement***

Illi permezz ta' skrittura ohra ukoll fl-istess data, bejn il-kontendeti PIGL u BPL is-socjeta` rikorrenti obbligat ruhha li tikkolabora mas-socjeta' BPL fin-negozju ta' bejgh u xiri ta' proprjeta' f'Malta u Ghawdex. Dan il-ftehim jistipula li l-obbligazzjonijiet assunti huma soggetti ghall-pattijiet u kondizzjonijiet stipulati taht il-marka Chesterton in segwitu ghat-*Trade Mark & License Agreement.*

**Konsiderazzjoni ta' Dritt:**

Skont l-**artikolu 873(1) tal-Kap 12**, l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat. Skont l-artikolu 873(2) tal-kap 12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Ghalhekk, bil-ligi, jehtieg li jigu sodisfatti zewg kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-hrug tieghu ir-rikorrent ser isofri pregudizzju.[1] It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie*

[1]Ara f'dan is-sens "**Grech proprio et nomine vs Manfre**`" – A.C. – deciza fl-14 ta' Lulju 1988 Vol. LXXII.ii.290; u "**40 Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (P.A. (RCP) – deciza fit-2 ta' Novembru 2010).

dawk il-jeddijiet.[2] L-insenjament tal-gurisprudenza huwa kostanti f'dan ir-rigward. Ara f'dan is-sens **Mugliette vs Bonnici**, deciz mill-P.A. fil-25 ta' Jannar 2005 fejn inghad ukoll:-

"*Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd.*"

Il-jedd *prima facie* jrid ikun jedd, anke jekk *prima facie* biex jimmerita harsien. Illi mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta`, disagju jew thassib (Ara **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** – Qorti tal-Kummerc – 26 ta' Mejju 1995 (Kollez.Vol. LXXIX.iv.1378). Proprju dwar dan l-element tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Grech proprio et noe vs Manfre`** (kollez Vol. LXXII.ii.290) irriteniet:

*"….huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."*

Tajjeb li jkun riaffermat li dawn iz-zewg elementi ghall-hrug ta' Mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn l-elementi ma jirrizultax, il-Qorti

---

[2] Ara f'dan is-sens "**Emanuel Sammut vs Josephine Sammut**", P.A. (TM) deciza fil-5 ta' Gunju 2003.

ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat. Il-procedura odjerna hija wahda sommarja.

Illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' Mandat, m'ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m'ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd '*Prima Facie*'**

Illi jirrizulta mill-atti u mit-trattazzjoni li r-rikorrenti qed jistriehu fuq il-*Partnership Agreement* u jikkontendu li l-perjodu ta' 90 jum stipulat fit-*termination clause* huwa essenzjali sabiex il-kontraenti jaghmlu l-kunteggi ta' bejniethom u l-kuntratti li saru fuq Chestertons Gzira jigu garantiti. Huwa importanti wkoll sabiex il-kuntatti li saru ma jintiflux ghall-fini tal-komputazzjoni tal-*commissions* dovuti. Jghidu li huma investew hafna fis-socjeta' u inoltre hadu self.

Ghalhekk jinsistu li dan in-*notice period* ghandu jigi rispettat mill-kontraenti u li s-shubija ma tigix itterminata hesrem. Huma lmentaw, *inter alia* li l-intimati nehhew ir-referenza ghall-*email* jew numru tat-telefon tar-rikorrenti

minn fuq is-sit web ta' Chestertons Gzira u minnflok iddahhlet referenza ghall-fergha ohra ta' Chesterton gestita mill-intimat li hija Chesterton Paceville.

L-intimati da parti taghhom issottomettew li n-notice period huwa intiz sabiex is-socjeta' ossia *partnership* jigi *wound down.*

Illi hawnhekk il-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimati li d-drittijiet li jemanu mis-shubija bejn il-kontendenti ghandhom jinzammu distinti mid-drittijiet koncessi ghall-uzu tat-Trade Mark Chesterton, liema dritt jemani mit-Trade Mark Licence Agreement iffirmat minn Chesterton Global Limited bhala il-*Licensor,* BPL bhala *the Associate,* u PIGL *bhala* the Licensee.

F'dan il-ftehim (DOK 'B' mar-risposta) huwa premess li bejn BPL u Chesterton Global hemm Licence & Association Agreement u li BPL jixtieq jikkoncedi *sub-licence* lill-PIGL.

Minn dan jirrizulta li l-fonti tad-dritt pretiz mir-rikorrenti fuq is-sit web, wiehed mill-ilmenti principali taghhom ghall-hrug ta' dan il-mandat, huwa proprju l-koncessjoni tas-*sub-license* ghall-uzu tat-Trade Mark. Ir-rikorrenti stess jammettu li s-sit web huwa gestit minn *Chesterton* u mhux *Chesterton Gzira.*

Illi dwar dan, gie esebit b'nota kopja tal-ittra datata is-16 ta' Frar 2017 mibghuta minn Chesterton Global Limited lis-socjeta' rikorrenti fejn is-socjeta' PGIL giet notifikata bl-intenzjoni ta' Chesterton Global li jittermina l-ftehim bejniethom.

L-istess socjeta' rikorrenti esebiet kopja tal-ittra ta' twegiba taghha datata is-27 ta' Frar 2017 fejn ikkontestat li kkommettiet *a material breach* tal-Ftehim.

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti qieghdha ssostni li ma kien hemm l-ebda terminazzjoni finali tat-*Trade Mark Licence Agreement, stante* kontestazzjoni qawwija tal-allegat ksur tal-obbligi taghha, u anke *in vista* tal-fatt li ghadha ma rceviet l-ebda risposta minghand Chesterton Global Ltd ghal dik l-ittra.

Madanakollu jidher car mill-ittra ta' terminazzjoni li l-Licensor qed iqies li l-ftehim huwa tterminat "*with immediate effect* ".

Fid-dawl tal-istess, din il-Qorti tikkonsidra li r-rikorrenti ma ppruvawx jedd lanqas fuq bazi *prima facie* ghall-uzu u tgawdija tas-sit web u tat-Trade Mark Chesterton billi dan kollu jidhol fil-qafas tal-*franchise* li jappartjeni lid-ditta estera u llum hija terminata almenu fil-konfront tas-socjeta` PIGL.

Ghal dak li jirrigwarda l-ilmenti l-ohra r-rikorrenti jsostnu li dawn huma abbuzivi u ta' hsara kemm ghan-negozju ta' Chesterton Gzira kif ukoll ghan-negozju taghhom stess, il-Qorti taqbel mal-intimati li ma tressqux l-icken prova lanqas fuq bazi *prima facie* li dan l-agir qed isir, u di piu` li ghandu jigi addebitat lill-intimati.

**Htiega tal-Mandat**

In kwantu ghal pregudizzju irrimedjabbli inoltre, din il-Qorti issibha difficli tipprospetta fattwalment l-ipotezi li jekk il-mandat ma jinharigx ser jigi rekat dannu lir-rikorrenti li ma jistax jigi rimedjat. Wara kollox kif din il-Qorti anki diversament preseduta dejjem sostniet, dan ir-rimedju hu wiehed ta' natura eccezzjonali li ghandu jigi uzat b'mod cirkoskritt u bi prudenza kbira. Ma saret ebda prova li jekk ser jigi krejat dannu fattwali li ma jigix mizmum ser ikun irrimedjabbli b'azzjonijiet ohra

Illi fil-kaz odjern huwa indiskuttibbli li s-shubija ntemmet u l-perjodu ta' tliet xhur stipulat fil-Ftehim huwa intiz sabiex is-socji juzaw iz-zmien biex jaghmlu l-konteggi bejniethom. Ir-rikorrenti PIGL ma jistax jippretendi li kollox huwa *business as usual* billi l-uzu tat-Trade Mark Chesterton m'ghadux disponibbli ghalih.

Min-naha l-ohra, ghandu dritt li jippretendi li l-kontraent l-iehor jagixxi *in bona fede* sabiex issir ripartizzjoni gusta tal-attiv u passiv. Din il-Qorti gja kkonkludiet li r-rikorrenti ma urewx f'dawn l-atti, li l-intimati kienu qed jagixxu abbuzivament . Izda anke jekk dan gie ppruvat ma hemmx dubju li tali agir jista' jesponi lill-intimati jew min minnhom ghad-danni kollha li jistghu ssofru r-rikorrenti. B'hekk jirrizulta li r-rikorrenti ghandhom rimedju iehor ghad-disposizzjoni taghhom u f'dan is-sens il-hrug tal-mandat odjern mhuwiex mehtieg irrimedjabbilment.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-14 ta' Frar 2017 tichad it-talba ghall-

hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni *stante* li ma jirrizultawx l-elementi mehtiega bil-Ligi fil-fatt u fid-dritt.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**13 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**13 ta' Marzu 2017**